# IL-BARKLOR TONY CAMILLERI

**Guido Lanfranco**

Fl-1985 ltqajt l-ewwel darba ma' Tony Camilleri, magħruf bħala *l-Kukla* jew *Il-Kuklu*, fis-sede tal-*Hobbies Society*, Triq id-Duluri l-Ħamrun fejn hu kien membru. Sirt naf li qabel ma rtira wara 56 sena xogħol, kien baħri fuq bastimenti merkantili fi żmien il-gwerra u wara barklor bid-dgħajsa tal-pass fil-Port il-Kbir. Tlabtu biex nagħmillu ntervista dwar id-dgħajsa tal-pass u ġentilment stedinni mmur sad-dar tiegħu. Mort għandu fis-7 ta' Novembru 1985 filgħodu, fin-numru 2, Triq it-Trinità, l-Blata l-Bajda, l-Ħamrun imma tagħmel mal-Marsa. Billi dak iż-żmien ma stajtx inħaddem ir-*recorder* niżżilt bil-miktub dak li qalli u dak li osservajt, kif ukoll ħadt ftit ritratti tiegħu u ta' xi oġġetti li kellu fil-kamra konnessi mad-dgħajsa tal-pass. Għamilt disinji ta' malajr ta' mudelli ta' dgħajjes biex fuqhom inħażżeż noti u ismijiet tal-partijiet tagħhom skond kif qalhomli hu dakinhar. Dan li ġej huwa kollu bbażat fuq dawk in-noti, ritratti u disinji.

Tony twieled il-Birgu u minn kmieni beda x-xogħol ta' barklor imma wara ftit daħal baħri fuq bastimenti merkantili. F'Settembru 1939 kien jinsab fuq bastiment jismu *Dido* fil-Baħar tat-Tramuntana. Darba minnhom wara NOFSINHAR raw għaddejja l-*HMS Corageous* f'baħar xi ftit imqalleb. F'daqqa waħda rawha tintlaqgħat minn *torpedo* sparata minn *submarine* Ġermaniż u minnufih bdiet tmil fuq naħa waħda waqt li l-baħrin ta' fuqha bdew jaqbżu 'l baħar. Tony offra li jaqdef il-*lifeboat* biex isalva xi baħrin u għamel tliet vjaġġi li fihom, għalkemm għajjien bil-qdif f'baħar imċaqlaq, irnexxielhom isalvaw xi 90 baħri. Wara dan ma baqgħax jaħdem fuq il-bastimenti, mar joqgħod il-Marsa u beda jaħdem ta' barklor fil-Port il-Kbir.

Qal li ulied il-barklori ma riedux jaħdmu bid-dgħajjes. Neħħew in-numru jew medaljun tad-dwana u għamlu l-ittra S (sport) għat-tiġrijiet. Saż-żmien li fih għamiltlu l-intervista qalli li fil-port kien għad baqa' xi 10 dgħajjes tal-pass bl-*outboard engine* jaħdmu biss fix-xogħol ta' l-aġenti għall-vapuri jew barkuni fuq l-ankra.

Għal xi żmien wara l-intervista ta' spiss kont niltaqa' ma' Tony fl-inħawi tal-Ħamrun, u fis-sede tal-*Hobbies Society,* imma fl-10 ta' Diċembru 1995 fis-*Sunday Times* qrajt li miet ta' 80 sena.

**Id-dgħajsa tal-pass** Toni qalli li d-dgħajsa tkun twila 21 pied (xi 6 metri u nofs) u normalment tista' tgħabbi 10 persuni. Il-gondla tad-dwana kienet tkun sewda b'taħt abjad. Fuq il-pruwa kien ikollha jidher salib bi tmien ponot. Kienu jaqdfuha tnejn. Din ma kinetx tkun għall-passiġġieri u fuqha kien ikun hemm il-gwardjani tad-dwana bl-uniformi. Tad-dwana ma baqgħux jużawha wara l-gwerra imma ta' l-ammirall baqgħu għal ftit. Tony beda jurini l-partijiet tad-dgħajsa fuq mudell li kellu fuq mejda u jgħidli x'jisimhom (kif jidhru fl-illustrazzjonijiet). Għamilt diversi disinji ta' malajr biex fuqhom innotajt l-informazzjoni li tani.

**Illustrazzjonijiet:**

**Il-partijiet ta' dgħajsa tal-pass:**

In-numri ta' dawn in-noti li ġejjin, dwar il-partijiet tad-dgħajsa, jikkorrespondu man-numri li hemm fuq id-disinji li jidhru ma' din il-kitba.

1. Kannol għall-fanal.
2. Rota tal-poppa; kien hemm ftit dgħajjes li kellhom ir-rota ta' wara, kif ukoll ta' quddiem ġejjin tondi qishom tal-gondla, għalhekk kienu jgħidulhom gondla. Tony jiftakar tlieta minnhom; waħda tad-dwana, u tnejn ta' l-ammiraljat, waħda minnhom tat-tabib ta' Bighi u l-oħra ta' Sant' Anġlu.
3. Tebgħa tan-numru tad-dwana.
4. Ċinta.
5. Laqgħa.
6. Makkarunetta.
7. Spalliera (jidher biss ix-xifer ta' fuq).
8. Urnar (*ornat*).
9. Falka.
10. Minċott għall-falka.
11. Jista' jidħol skalm ukoll f'din il-battusa.
12. Battusa (3 fuq il-lemin tad-dgħajsa u 2 fuq ix-xellug.
13. Skalm biex torbot il-moqdief.
14. Rota tal-pruwa, ftit itwal minn tal-poppa.
15. Kontrarota moħbija bit-twavel imwaħħlin fuqha.
16. Id-dawra taz-zokk.
17. Prim li fuqu jieqfu l-majjieri u ż-żnieżel (żnieżel huma l-majjieri li jkun hemm taħt it-tamburett tal-pruwa u tal-poppa).
18. Brazzol.
19. Id-dawra.
20. Tamburett.
21. Spalliera (id-dahar tal-banketta). Kienet tkun dekorata b'disinji u skultura. Tal-gondli ma kienetx tkun dekorata. Tony qalli li kien l-ewwel wieħed li beda jarma l-mutur mad-dgħajsa, u minħabba f'hekk kellu jaqla' l-ispalliera.
22. Stamnari jidhru taħt il-bank. Minnhom ikun hemm 31 fuq kull naħa mill-pruwa sal-poppa, jidhru bħallikieku l-kustilji tad-dgħajsa.
23. Banketta.
24. Parjol, art bi 3 jew 4 biċċiet twavel (hawn tidher parti minnu biss biex jidhru taħtu l-majjieri).
25. Majjieri li jaqbdu ma' l-istamnari, jkunu moħbijin taħt il-parjol (li fid-disinn neħħejtu biex tidher il-pożizzjoni tal-majjieri).
26. Sett (bank). Il-bankijiet jistrieħu fuq trinkarin mat-twavel u taħthom ikollhom il-puntali jew saqajn biex iżommuhom.
27. Kriesi, pjanċi qosra bil-minċotti. Minnhom ikun hemm 2 ħdejn xulxin lejn ix-xellug u 3 fuq quddiemhom.
28. Rmiġġ (spazju fost il-kriesi, fejn joqgħod il-barklor).
29. Toqba biex tista' taqla' s-sett.
30. Ħanżira (njama wieqfa).
31. Toqba biex minnha tista' taqla' t-tamburett.
32. Brazzol tal-pruwa.



1
2
3
4
5
6
7
8
9
10
11
12
13
14
15
16
17
ST. MARY
18
19
20
21
22
23
24
25
26
27
28
29
30
31
32

**B Il-moqdief.** Il-parti li jaqbad minnha l-qaddief tissejjaħ ġiljun. Il-parti li tidħol fl-ilma jgħidulha pala. Xi maqdef imkisser kienu jużawh bħala manwella jew lieva biex jgħollu d-dgħajsa fuq xi kaxxa meta jtellgħuha l-art biex jaħslulha l-qiegħ.



**E Gondla.** Għamla generali.



**C Is-Sassla,** ta' l-injam biex jinġabar l-ilma mid-dgħajsa.



**F Tony Camilleri** (7 Novembru 1985) fid-dar tiegħu.



**D Puntal.** Il-puntali huma s-saqajn li fuqhom iżomm il-bank. Bosta drabi dan ikun maħdum bl-iskultura.



**G Spalliera** u partijiet oħra mid-dgħajsa ta' Tony Camilleri.



**H Fanal** li għandu tubu tal-landa f'angolu minnhom biex jidħol fuq il-kannol tar-rota tal-poppa. Il-fanal kien fuq bażi triangolari ta' 6 pulzieri (15ċm) fuq kull naħa. Fih kienet titqiegħed lampa, ukoll triangolari, tal-pitrolju bit-tubu tal-ħġieġ taċ-ċinku (5 pulzieri) li jidħol fil-ġewża taċ-ċinku (li fiha joqgħod it-tubu taċ-ċinku).

